



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

10132/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0180 (NLE)**

---

**ACP 77**  
**FIN 657**  
**PTOM 8**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni ħlas parzjali għall-2022

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

### **dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni ħlas parzjali għall-2022**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar tal-għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE u dwar l-allokkazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji Ekstra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> ĠU L 210, 6.8.2013, p.1

<sup>2</sup> ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1.

Billi:

- (1) F'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 19 sa 22 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ġunju 2022 li tistabbilixxi l-ammont tat-tieni flus parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2022 u ammont annwali rivedut tal-kontribuzzjoni għall-2022, fejn l-ammont ivarja mill-bżonnijiet reali.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u l-pagamenti taħt l-istrumenti li jimmaniġġa.
- (3) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2018/1877, is-sejħiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jeżawrixxu l-ammonti previsti fil-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp preċedenti . Għaldaqstant jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi skont ir-Regolament (UE) 2018/1877 għall-Kummissjoni u għall-BEI.

- (4) Skont l-Artikolu 152 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika<sup>1</sup> (“il-Ftehim dwar il-Ħruġ”), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (“ir-Renju Unit”) għandu jibqa' parti għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) sal-egħluq tal-11-il FEŻ u għal kull FEŻ preċedenti mhux magħluq. Madankollu, skont l-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, is-sehem tar-Renju Unit f'fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-11-il FEŻ, meta dawk il-fondi jkunu ġew diżimpenjati wara l-31 ta' Diċembru 2020, jew FEŻ preċedenti, ma għandux jerġa' jintuża.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1941<sup>2</sup> tistabbilixxi l-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri fil-FEŻ għall-2022 għal EUR 2 500 000 000 għall-Kummissjoni, u għal EUR 300 000 000 għall- BEI.
- (6) Sabiex il-miżuri previsti f' din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati minnufih, din id-Deċiżjoni jenħteġ li tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

<sup>1</sup> ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1941 tad-9 ta' Novembru 2021 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-Fond, li jinkludi l-limitu massimu għall-2023, l-ammont annwali għall-2022, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2022 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2024 u 2025 (ĠU L 396, 10.11.2021, p. 61).

*Artikolu 1*

Il-Partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għandhom iħallsu l-kontribuzzjonijiet individwali għall-FEŻ lill-Kummissjoni u lill-Bank Ewropew tal-Investment,, bħala t-tieni pagament parzjali għall-2022, f'konformità mal-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

**ANNEX**

STATI MEMBRU U R-RENJU UNIT	SKEMA TA' RIDISTRIBU ZZJONI TAL-11-IL FEŻ F'%	it-tieni pagament parzjali għall- 2022 (EUR)		Total
		il-Kummissjoni 11-IL FEŻ	BEI 11-IL FEŻ	
IL-BELĠJU	3,24927	25 994 160,00	3 249 270,00	29 243 430,00
IL-BULGARIJA	0,21853	1 748 240,00	218 530,00	1 966 770,00
IĊ-ĊEKJA	0,79745	6 379 600,00	797 450,00	7 177 050,00
ID-DANIMARKA	1,98045	15 843 600,00	1 980 450,00	17 824 050,00
IL-ĠERMANJA	20,57980	164 638 400,00	20 579 800,00	185 218 200,00
L-ESTONJA	0,08635	690 800,00	86 350,00	777 150,00
L-IRLANDA	0,94006	7 520 480,00	940 060,00	8 460 540,00
IL-GREĊJA	1,50735	12 058 800,00	1 507 350,00	13 566 150,00
SPANJA	7,93248	63 459 840,00	7 932 480,00	71 392 320,00
FRANZA	17,81269	142 501 520,00	17 812 690,00	160 314 210,00
IL-KROAZJA	0,22518	1 801 440,00	225 180,00	2 026 620,00
L-ITALJA	12,53009	100 240 720,00	12 530 090,00	112 770 810,00
ĊIPRU	0,11162	892 960,00	111 620,00	1 004 580,00
IL-LATVIJA	0,11612	928 960,00	116 120,00	1 045 080,00
IL-LITWANJA	0,18077	1 446 160,00	180 770,00	1 626 930,00
IL-LUSSEMBURGU	0,25509	2 040 720,00	255 090,00	2 295 810,00
L-UNGERIJA	0,61456	4 916 480,00	614 560,00	5 531 040,00
MALTA	0,03801	304 080,00	38 010,00	342 090,00

STATI MEMBRU U R-RENJU UNIT	SKEMA TA' RIDISTRIBU ZZJONI TAL-11-IL FEŻ F'%	it-tieni pagament parzjali għall- 2022 (EUR)		Total
		il-Kummissjoni 11-IL FEŻ	BEI 11-IL FEŻ	
IN-NETHERLANDS	4,77678	38 214 240,00	4 776 780,00	42 991 020,00
L-AWSTRIJA	2,39757	19 180 560,00	2 397 570,00	21 578 130,00
IL-POLONJA	2,00734	16 058 720,00	2 007 340,00	18 066 060,00
IL-PORTUGALL	1,19679	9 574 320,00	1 196 790,00	10 771 110,00
IR-RUMANIJA	0,71815	5 745 200,00	718 150,00	6 463 350,00
IS-SLOVENJA	0,22452	1 796 160,00	224 520,00	2 020 680,00
IS-SLOVAKJA	0,37616	3 009 280,00	376 160,00	3 385 440,00
IL-FINLANDJA	1,50909	12 072 720,00	1 509 090,00	13 581 810,00
L-IŻVEZJA	2,93911	23 512 880,00	2 939 110,00	26 451 990,00
IR-RENJU UNIT	14,67862	117 428 960,00	14 678 620,00	132 107 580,00
TOTAL UE27 & IR-RENJU UNIT-	100,00	800 000 000,00	100 000 000,00	900 000 000,00

---